

32004D0921

30.12.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 389/33

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas 27 ta' Diċembru 2004

li tirrigwarda l-iffinanzjar għal sondaġġ Eurobarometer mill-Komunità dwar kif il-konsumaturi jħarsu lejn is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali għat-trobbija

(2004/921/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam tal-veterinarja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE l-Komunità għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għat-twaqqif ta' politika ta' informazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-annimali.
- (2) Din il-politika ta' informazzjoni tinkludi *inter alia* t-tweqqif ta' studji meħtieġa għat-tnejn u l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-annimali.
- (3) It-tweqqif ta' sondaġġ li jassessja kif il-konsumaturi jħarsu lejn is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali jiffirma parti minn din il-politika ta' informazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-annimali u r-riżorsi finanzjarji meħtieġa għall-Komunità biex twettaq dan is-sondaġġ għandhom għalhekk jiġu prenotati u mgħotija soġġetti għat-tweqqif effiċjenti tas-sondaġġ ippjanat
- (4) Dan is-sondaġġ għandu jitwettaq taħt forma ta' studju EWROBAROMETRU speċifiku fi ħdan il-għan tal-Kuntratt ta' Qafas ⁽²⁾ konkluż bejn il-Komunità, rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea u t-TNS Opinion and Survey, konsorzju ffurmat minn Taylor Nelson Sofres plc

u EOS Gallup Europe, rappreżentati miċ-Ċentru ta' koordinazzjoni l-European Ominbus Survey "EOS Gallup Europe".

- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-azzjoni ta' tweqqif ta' sondaġġ dwar kif il-konsumaturi jħarsu lejn is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali għat-trobbija, li għandha tkun finanzjata mil-linja tal-bilanċ 17.04.02 tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea għal ammont massimu ta' 200 000 EUR, hija b'dan approvata. Dan is-sondaġġ għandu jitwettaq taħt forma ta' studju EWROBAROMETRU speċifiku fi ħdan il-għan tal-Kuntratt ta' Qafas konkluż bejn il-Komunità, rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea u t-TNS Opinion and Survey, konsorzju ffurmat minn Taylor Nelson Sofres plc u EOS Gallup Europe, rappreżentati miċ-Ċentru ta' koordinazzjoni l-European Ominbus Survey "EOS Gallup Europe".

Magħmul fi Brussell, fis-27 ta' Diċembru 2004.

Għall Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill taż-17 ta' Novembru 2003 (ĠU L 325, 12 12 2003, p. 31).

⁽²⁾ Kuntratt Nru PRESS-B-1/2003-25/B1 ta' l-24 8.2004.